MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 370/2014

**Simonds Farsons Cisk plc**

**Vs**

**Eugenio AGIUS u Josephine AGIUS**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-3 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallasuha s-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2420.76c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-somma premessa ta' €2,420.76 tirraprezenta prezz ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenuti, u hija dovuta mill-istess konvenuti favur is-socjeta attriċi Simonds Farsons Cisk plc C113 skond –anness statement of accounts immarkat Dok A u dan kif ser

jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Minghajr preġudizzju ghas-suespost il-konvenuti kienu dahlu bhala garanti personali ghal kull debitu;

Illi l-konvenut, ghalkemm interpellat diversi drabi, anke permezz ta' diversi ittri bonarji u anke b'ittra uffiċjali tat-31 ta' Lulju, 2012, ippreżentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huma baqghu inadempjenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija, u bl-imghax kummerċjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li ma deherx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda tal-Prokuratur Legali Alison Wadge rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-intimati ghad fadallhom jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2420.76c].

Ra li l-Prokuratur Legali Alison Wadge ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimati tas-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2420.76c] in konnessjoni prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-intimati minnha.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' elfejn erba' mija u ghoxrin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2420.76c] ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati gew notifikati bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u baqghu ma deherux ghas-seduta tal-lum miżmuma quddiem it-Tribunal.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elfejn erba' mija u ghoxrin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€2420.76c] bl-imghaxijiet legali kif

mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-31 ta’ Lulju, 2012 data ta’ l-ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali ppreżentata fil-31 ta’ Lulju, 2012, huma a kariku tal-intimati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------